MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 17/2022 LM

**Charanjeet Singh**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency** [hawnhekk 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tat-28 ta' Frar, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata] fil-konfront tar-rikorrent **Charanjeet Singh** [hawnhekk 'l-appellat'], li permezz tagħha l-Bord iddeċieda li l-appell tar-rikorrent għandu jintlaqa' b'mod limitat, billi dderieġa li l-ittra ta' approvazzjoni

*in principle* datata 7 ta' Jannar, 2020 għandha tiġi estiża għal massimu ta' sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Bord, li rappreżentant awtorizzat tal-prinċipal prospettiv għandu jissottometti *affidavit* fejn jispjega jekk is-servizzi tar-rikorrent għadhomx meħtieġa, u li t-Taqsima tal-*Visas* ta' Identity Malta Agency għandha tiffaċilita l-applikazzjoni tar-rikorrent skont il-liġi.

**<u>Fatti</u>**

2. Jirriżulta li fid-19 ta' Diċembru, 2019 ir-rikorrent intavola applikazzjoni għal Permess Uniku għal Residenza u Xogħol quddiem Identity Malta Agency, u din ħarġet approvazzjoni *in principle* lir-rikorrent. Permezz ta' din l-approvazzjoni *in principle,* ir-rikorrent ingħata terminu ta' sitt xhur mid-data tal-ittra, jiġifieri mis-7 ta' Jannar, 2020, sabiex jieħu l-passi neċessarji u jirregolarizza ruħhu qabel jidħol f'Malta u jibda l-impjieg tiegħu. Ir-rikorrent ġie mgħarraf ukoll li jekk tinħariġlu l-*visa* li permezz tagħha jkun jista' jivvjaġġa lejn Malta, wara li jasal Malta huwa jingħata l-permess ta' xogħol u residenza li kien applika għalih.

3. L-Identity Malta Agency ħarġet *policy* ġdida fi Frar tal-2021, li ġiet ippubblikata fuq il-*website* tagħha, liema *policy* kienet tgħid li b'riżultat tar-restrizzjonijiet ta' safar imposti minħabba l-pandemija tal-Covid-19, l-Identity Malta Agency kienet qegħda tagħti possibilità ta' estensjoni ta' sitt xhur mat-terminu mogħti fl-ittra tal-approvazzjoni *in principle,* jew inkella *credit note* lill-prinċipal prospettiv li tkun tista' tissarraf f'applikazzjoni oħra ġdida, *renewal,* jew *change of employer* fl-istess sistema. Dan il-kreditu kien validu għal sitt

xhur, u l-*policy* kienet tapplika għal kull applikant li japplika qabel il-31 ta' Marzu, 2020, jiġifieri qabel bdew ir-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija. L-Identity Malta Agency spjegat li din il-*policy* nħarġet minħabba s-sitwazzjoni eċċezzjonali tal-pandemija u r-restrizzjonijiet fis-seħħ li daħlu minħabba f'hekk, sabiex l-impjegati prospettivi li kellhom bżonn *prospective employers* u li kienu approvati sabiex jipproċedu lejn Malta qabel il-31 ta' Marzu, 2020, jingħataw biżżejjed żmien sabiex ikunu jistgħu jaslu Malta. Fir-rigward tal-każ odjern, f'Mejju tal-2021, Identity Malta infurmat lill-*prospective employer* li kien intavola l-applikazzjoni f'isem l-applikant b'din il-possibilità, u infurmatu li huwa kellu jagħmel l-għażla tiegħu fi żmien 15-il ġurnata ta' xogħol minn meta jirċievi l-ittra. Identity Malta ma rċeviet l-ebda risposta mingħand il-*prospective employer,* u għalhekk ikkonkludiet li dan ma kellu ebda intenzjoni li jibbenefika minn din il-*policy,* u r-rikorrent ġie nfurmat, permezz ta' ittra mibgħuta lilu fid-19 ta' Mejju, 2021, li l-approvazzjoni *in principle* kienet qegħda tiġi irtirata:

> *"Reference is made to the 'Credit Note or Extension of Approval in Principle Letter Offer' wherein you were granted two options. Given that you have failed to inform Identity Malta Agency with your option within fifteen working days from receipt of this communication, the approval in principle issued by the Agency is being withdrawn."*

**<u>Mertu</u>**

4. Kien il-prinċipal prospettiv tar-rikorrent li intavola appell minn din id-deċiżjoni permezz ta' ittra li ntbagħtet lill-Bord fl-20 ta' Ottubru, 2021, fejn ġie spjegat li wara li l-prinċipal prospettiv irċieva l-ittra tat-13 ta' Marzu, 2021, il-preżunzjoni kienet li l-applikazzjoni tar-rikorrent ġiet approvata u li ma kien

hemm il-ħtieġa tal-ebda azzjoni ulterjuri. Il-prinċipal prospettiv spjega li huwa kien għadu interessat fl-approvazzjoni tal-applikazzjoni tar-rikorrent, u li r-rekwiżiti kollha marbuta ma' applikazzjoni ta' din ix-xorta kienu ġew sodisfatti.

5. L-intimata wieġbet li wara li r-rikorrent ġie notifikat bid-deċiżjoni tagħha fid-19 ta' Mejju, 2021, il-prinċipal prospettiv tiegħu intavola appell fl-20 ta' Ottubru, 2021. Qalet li l-appell kellu jiġi intavolat fi żmien tliet ijiem mid-deċiżjoni li tkun is-suġġett tal-appell, u għalhekk għandu jirriżulta li l-appell huwa wieħed tardiv. Qalet ukoll li l-appell ġie intavolat mill-prinċipal prospettiv tar-rikorrent, bi ksur tal-artikolu 20(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li jgħid li huma l-applikanti li għandhom iressqu rikors tal-appell quddiem il-Bord. L-intimata spjegat ukoll li l-approvazzjoni *in principle* tat-13 ta' Marzu, 2021, kienet tgħid ċar li l-approvazzjoni kienet qegħda tingħata mingħajr preġudizzju għal xi approvazzjoni li trid tingħata mill-awtoritajiet Maltin, fosthom mill-awtoritajiet tas-saħħa, għal xi rekwiżiti tal-visa li jistgħu jkunu meħtieġa, u għal xi restrizzjonijiet marbuta mal-ivvjaġġar lejn Malta. Spjegat li minkejja dan kollu, in vista tar-restrizzjonijiet imposti wara l-31 ta' Marzu, 2020, Identity Malta tat l-għażla lill-applikanti li kienu intavolaw l-applikazzjoni tagħhom qabel l-istess data, sabiex jew japplikaw għal estensjoni ta' sitt xhur ħalli l-applikant ikun jista' jivvjaġġa lejn Malta, jew inkella sabiex jingħataw *credit note* li l-prinċipal prospettiv ikun jista' jagħmel użu minnha fi żmien sitt xhur. Qalet li l-prinċipali prospettivi kollha ġew infurmati b'dan, u mitluba jgħarrfu d-deċiżjoni tagħhom lil Identity Malta fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta jirċievu l-imsemmija ittra. Qalet ukoll li l-applikanti ġew mgħarrfa li f'każ li dawn jonqsu milli jinfurmaw lil Identity Malta bid-deċiżjoni tagħhom, l-approvazzjoni *in principle* mogħtija oriġinarjament, tiġi irtirata. Qalet li f'dan ir-rigward kienet saret ukoll

konferenza stampa sabiex il-prinċipali prospettivi jiġu mgħarrfin b'dan. Żiedet tgħid li minkejja li ngħataw dawn l-għażliet, u minkejja t-terminu impost, l-appellant naqas milli jinforma lill-intimata bl-għażla tiegħu. L-intimata qalet li d-deċiżjoni tagħha kienet inizjattiva amministrattiva pragmatika li ħadet konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li ġabet magħha l-pandemija, sabiex l-applikanti ma jitilfux il-flus li kienu ħallsu b'rabta mal-applikazzjoni tagħhom. Żiedet tgħid li ladarba r-rikorrent ma vvjaġġax lejn Malta fiż-żmien mogħti, il-proċess ġie meqjus li ġie fi tmiemu.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-28 ta' Frar, 2022, il-Bord iddeċieda li l-appell għandu jiġi milqugħ b'mod limitat, billi l-approvazzjoni *in principle* tiġi estiża għal perijodu ta' sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Bord, li fi żmien ġimagħtejn rappreżentant awtorizzat tal-prinċipal prospettiv jagħmel *affidavit* fejn jiddikjara jekk is-servizzi tal-applikant għadhomx meħtieġa, u li Identity Malta Agency tiffaċilita l-applikazzjoni tar-rikorrent skont il-liġi, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***1. <u>Preliminary</u>***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision dated 19th May, 2021, Identity Malta Agency stated that the relative application for a Single Permit had been rejected for the following reason:*

"Reference is made to the 'Credit Note or Extension of Approval in Principle Letter Offer' wherein you were granted two options. Given that you have failed to inform Identity Malta Agency with your option within fifteen working days from receipt of this communication, the approval in principle issued by the Agency is being withdrawn."

*Saw the appeal registered on 21st October, 2021; and*

*Saw that no reply from Identity Malta Agency was found in the relative file;*

***2. <u>Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board</u>***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **<u>Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et</u>**, (decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board noted that the Agency addressed its decision to the prospective employer (Veladrians Limited – "Paradise", Triq il-Kappella ta' Santa Marija, in-Naxxar) not to the appellant. This is in violation of Regulation 15 of S.L. 217.17, which requires that the appellant be personally served with the decision. No appeal can be* fuori termine *when the decision subject to appeal was addressed to the prospective employer, not to the appellant personally.*

*The Board noted that in similar cases, the Agency usually argues that as its decision was pursuant to a* "pragmatic administrative initiative", *this Board lacks competence to decide the appeal in terms of Article 25 A (1)(c) of the Immigration Act.*

*The Board noted that in virtue of Regulation 3(1)(a) of Subsidiary Legislation 595.07, Identity Malta Agency "*shall carry out functions and duties of the public administration" *in relation to "*visas, residence permits, work permits and other administrative matters related to expatriates."

*Article 25 A (1)(c) of the Immigration Act empowers the Board to "*hear and determine appeals or applications in virtue of the provisions of this Act or regulations made thereunder or in virtue of any other law."

*It is clear to the Board that as this is an appeal concerning a Single Permit application lodged pursuant to the provisions of S.L. 217.17, this Board has competence to handle this appeal. Article 25 A (1) (c) makes that clear that this Board is competent "...* to hear and determine appeals or applications in virtue of the provisions of this Act or regulations made thereunder ...".

*The administrative methodology which the Agency adopts is also subject to this Board's scrutiny. This is because S.L. 217.17 itself spells out what methods the Agency must use to process Single Permit applications. This Board must therefore examine whether the methods used by the Agency were lawful. This is not because this Board enjoys competence to examine how administrative authorities operate, but simply because the Agency's administrative procedures do not operate* in vacuo, *but affect the immigration status of applicants and appellants. Therefore, insofar as the Agency's methods impact the immigration status of applicants and appellants, those methods can be scrutinised by this Board.*

*The Board observes that in similar cases, the Agency argues that it would have notified prospective employers of the matter at hand. However, the Agency is wrong to only notify prospective employers. The wording of S.L. 217.17 refers specifically to applications being lodged by applicants, not by prospective employers. Therefore, the Agency has to allow the applicants themselves to choose, not their prospective employers. It is the applicant who is in control of his application. Therefore, all communication must be addressed to the applicant, not the prospective employer.*

*The holding of a press conference and the publication of the new administrative procedure on the website (to which the Agency often refers in cases of this type) do not operate in such a way as to bypass the text and the spirit of the law.*

*How can the Agency expect the applicant to provide feedback when it would have addressed its communication not to him, but to the prospective employer?*

*The Board refers to documentation submitted by the appellant and notes that Mr Adrian Vella (proprietor of Veladrians Limited) entered into a contract for the collection of waste with Ħal Għargħur Local Council. In the Board's view, this proves that the company has a large enough workload to necessitate the employment of the appellant.*

*Having made these considerations, the Board holds that it does have competence to decide this appeal and shall provide further hereunder.*

***2. Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board revokes the Agency's decision, accepts the appeal in a limited manner and directs:*

- *That in view of the pandemic and the difficulties in travel between Member States and non-EU countries, the approval in principle letter is being extended*

*by this Board for a period of six months, starting from the date of receipt of this decision;*

- *That pursuant to this, within two weeks from this decision, an authorised representative of the prospective employer is to submit an affidavit to Identity Malta Agency declaring (if such is still the case) that the appellant's services are still needed;*
- *That Identity Malta Agency, particularly the section dealing with visas, is to afford the appellant all necessary facilitation (in view of the approval-in principle) according to law.*

*Thereafter, based on the relative affidavit, the Agency is to review the appellant's application and decide afresh.*

*The Board orders that this decision be served on the appellant, on the company, on Jobsplus and on Identity Malta Agency without delay.*

**L-Appell**

7. L-appellanta ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fit-8 ta' Marzu, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tat-28 ta' Frar, 2022, u tordna li l-Bord jieħu deċiżjoni mill-ġdid skont il-konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti.

8. L-appellanta qalet li l-appell imressaq quddiem il-Bord huwa null, u għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord hija nulla wkoll. Spjegat li l-Liġi Sussidjarja 217.17 li tirregola l-applikazzjoni għal *Single Permits* tagħti opportunità lil ċittadini ta' pajjiżi terzi jintavolaw appell quddiem il-Bord mid-deċiżjoni ta' Identity Malta Agency. Qalet li tali applikazzjoni tista' ssir mill-individwu minn pajjiżu stess jew minn territorju ieħor bħala applikazzjoni '*still abroad',* jew inkella waqt li l-applikant ikun preżenti f'Malta, iżda appell jista' jsir biss mill-istess applikant li jkun intavola l-applikazzjoni. Qalet li fil-każ odjern, l-appell quddiem il-Bord sar mill-prinċipal prospettiv, jiġifieri minn Adrian Vella f'isem Veladrians Limited, u

minkejja li l-okkju tal-appell iġib isem l-applikant Charanjeet Singh, fl-istess rikors tal-appell m'hemm l-ebda indikazzjoni li Charanjeet Singh kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex ikun jista' jitressaq dan l-appell f'ismu.

9. Fit-tieni aggravju tagħha, l-appellanta qalet li f'każ li din il-Qorti jidhrilha li l-prinċipal kellu s-setgħa li jintavola appell mid-deċiżjoni tagħha, l-appell quddiem il-Bord xorta waħda ma kellux jitqies fil-mertu, għaliex dan sar b'mod tardiv, stante li ġie intavolat fil-21 ta' Ottubru, 2021, u għalhekk it-tliet ijiem ta' xogħol minn meta ngħatat id-deċiżjoni fid-19 ta' Mejju, 2021, kienu ilhom li għaddew. L-appellanta qalet li d-deċiżjoni tagħha tad-19 ta' Mejju, 2021, kienet indirizzata liċ-ċittadin tal-pajjiż terz, u għandu jirriżulta ċar li filwaqt li l-ittra tat-13 ta' Marzu, 2021 kienet indirizzata lill-prinċipal prospettiv, id-deċiżjoni tad-19 ta' Mejju, 2021, kienet indirizzata lill-applikant. Ingħad li minkejja li fiż-żewġ okkażjonijiet intuża l-indirizz tas-soċjetà Veladrians Limited, dan kien ukoll l-indirizz ipprovdut mill-applikant, li fil-fatt għadu jirrisjedi f'pajjiż terz. Qalet li l-applikant ma pprovdiex indirizz elettroniku fl-applikazzjoni tiegħu, u għalhekk hija ma kellha l-ebda triq oħra għajr li tinnotifika lill-applikant fl-indirizz li pprovda huwa stess. Qalet ukoll li fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni waslet għand min tħalla jintavola l-appell, u jekk jiġi aċċettat li l-prinċipal prospettiv jitħalla jintavola appell mid-deċiżjoni tagħha, dan għandu tal-anqas iżomm mat-terminu tal-appell. L-appellanta qalet li l-Bord fil-każ odjern kellu jikkonsidra alternattivament jew li t-terminu qatt ma beda jiddekorri ladarba d-deċiżjoni ma ġietx indirizzata lill-applikant, jew inkella jekk kien ser jitħalla jappella l-prinċipal prospettiv, it-terminu għall-appell kellu jibda' jgħodd minn meta l-prinċipal prospettiv ġie notifikat bid-deċiżjoni. L-appellanta qalet li l-Bord huwa

tenut japplika l-liġi bl-istess mod għal kull parti fil-proċeduri, u l-Bord m'għandu l-ebda dmir jittenta 'jsalva' xi applikazzjoni.

10. Fit-tielet aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li l-Bord ma kienx kompetenti jisma' l-proċeduri odjerni. Qalet li *ai termini* tal-artikolu 25A tal-Kap. 217, il-Bord għandu l-kompetenza sabiex jisma' jew jiddeċiedi appelli jew applikazzjonijiet *ai termini* tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmula taħtu jew *ai termini* ta' kull liġi oħra. Qalet li dan huwa każ taħt *policy* maħluqa minnha, li la hija disposizzjoni tal-Att, la hija disposizzjoni ta' regolament magħmul taħtu, u lanqas m'hija xi disposizzjoni ta' xi liġi oħra. Qalet li din il-*policy* nħolqot minnha *ex gratia* sabiex toffri benefiċċju addizzjonali lill-impjegati prospettivi, liema benefiċċju ma jinstabx fil-liġi li permezz tagħha ġiet trasposta d-Direttiva tal-Kunsill 2011/98/KE, u li nħolqot minħabba s-sitwazzjoni eċċezzjonali li ġabet magħha l-pandemija. L-appellanta żiedet tgħid li filwaqt li hija taqbel li l-Bord għandu l-kompetenza li jara li hija timxi mal-liġi fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet, il-Bord ma jistax jagħti provvediment fis-sens li jiddeċiedi li l-*policy* li nħolqot biex tagħmel tajjeb għar-restrizzjonijiet fis-seħħ minħabba l-pandemija, mhijiex biżżejjed. L-appellanta sostniet ukoll li *ai termini* tal-prinċipju legali *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit,* il-leġislatur ma riedx li l-Bord ikollu kompetena oltre dik stipulata fil-paragrafu 25A (1) (ċ) tal-Kap. 217, u għalhekk il-Bord kien żbaljat meta kkonsidra li għandu l-kompetenza li jisma' dan l-appell.

11. Fir-raba' aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li d-deċiżjoni tal-Bord hija *ultra vires* u *extra petita,* stante li l-Bord m'għandux il-funzjoni ta' regolatur ta' *policies,* liema *policies* jaqgħu taħt il-mansjonijiet tagħha. Qalet li fl-ewwel

paragrafu tad-deċiżjoni, il-Bord iddeċieda li l-approvazzjoni *in principle* għandha tiġi estiża għal sitt xhur oħra min-notifika tad-deċiżjoni tal-Bord. Qalet li l-Bord m'għandux funzjoni jirregola l-*policies,* u għalhekk ma setax jestendi t-terminu mogħti bil-liġi. Qalet li bħala aġenzija pubblika, hija żżomm f'moħħha l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u meta tinħareġ *policy* bħal ma hija dik odjerna, hija tkun qieset diversi fatturi li hija tenuta tqis flimkien mal-awtoritajiet ikkonċernati. Qalet ukoll li l-ħruġ ta' permess mhuwiex indefinit, u dejjem irid jiġi eżaminat fil-kuntest tas-suq tax-xogħol. Qalet li anki meta tinħareġ approvazzjoni *in principle,* l-applikant jingħata żmien biex jirregola ruħhu f'dak li għandu x'jaqsam mal-wasla tiegħu fil-pajjiż, iżda dan isir biss għal żmien definit ta' ftit xhur, għaliex ma jistax jiġi preżunt li wara li jgħaddu ħafna xhur, is-sitwazzjoni fil-pajjiż u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol ser jibqgħu l-istess. Qalet li l-possibilità ta' estensjoni ta' dan it-terminu minħabba l-pandemija ngħatat bħala *policy ex gratia* minn Identity Malta, u hija għamlitha ċara li f'każ li l-prinċipal prospettiv jagħżel li jingħata *credit note,* l-applikazzjoni tal-applikant il-ġdid kienet ser tiġi meqjusa mill-ġdid. L-appellanta qalet li filwaqt li l-Bord għandu l-obbligu li jistħarreġ jekk hija aġixxietx fil-parametri tal-liġi, huwa m'għandux il-mansjoni li joħloq *policies* huwa stess, u l-funzjoni tiegħu hija limitata sabiex jara jekk deċiżjoni tteħditx skont il-liġi, iżda m'għandux il-mansjoni li jkun ir-regolatur tas-suq tax-xogħol. Qalet li għalhekk safejn il-Bord iddeċieda li l-perijodu tal-approvazzjoni għandu jiġi estiż b'sitt xhur, dan kien qiegħed jaġixxi *ultra vires* u d-deċiżjoni tiegħu għandha titqies li hija *extra petita.*

12. Permezz tal-ħames aggravju tagħha, l-appellanta ssostni li d-deċiżjoni tal-Bord safejn dan idderieġa lill-Visa Unit tiffaċilita lill-appellat il-proċess tal-kisba tal-*visa*, hija irritwali u ma tistax tagħmel stat fil-konfront tal-Visa Unit għaliex

l-ħruġ ta' permess ta' residenza u tal-*visas,* huma għal kollox separati u distinti minn xulxin. Spjegat li fil-fatt ir-Regolament 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja jgħid li l-proċedura ta' applikazzjoni waħda għandha ssir mingħajr preġudizzju għall-proċeduri tal-*visa* li jistgħu jkunu meħtieġa għad-dħul għall-ewwel darba. Qalet li d-deċiżjoni fir-rigward ta' dawn l-applikazzjonijiet, ma kinitx tikkonċerna *visa* iżda permess ta' residenza, u għalhekk il-Bord ma kellux iħallat dawn iż-żewġ awtorizzazzjonijiet flimkien. L-appellanta qalet ukoll li minkejja li l-Visa Unit tifforma parti minn Identity Malta Agency, dan huwa regolat b'liġi separata. Barra minn hekk dan il-Unit la kien parti fid-deċiżjoni tal-appellanta u lanqas fl-appell li sar quddiem il-Bord, u għalhekk la kellu l-opportunità li jressaq provi u lanqas sottomissjonijiet fil-mertu. L-appellanta qalet li l-provi u sotto-missjonijiet li tressqu fil-każ odjern kienu kollha dwar il-permess ta' residenza mitlub. Qalet ukoll li huwa paċifiku li d-deċiżjonijiet ta' bordijiet, tribunali u qrati jagħmlu ġudikat *inter partes* u mhux *erga omnes.* L-appellanta saħqet li fil-każ odjern il-Bord ma ta l-ebda raġuni għalfejn il-Visa Unit għandu jimxi b'mod differenti mal-appellat billi jipprovdilu faċilità speċjali biex tinħareġ il-*visa* tiegħu, u dan l-aġir jista' jitqies li huwa diskriminatorju fil-konfront ta' applikanti oħra, speċjalment meta wieħed iqis li l-appell ma kienx dwar il-ħruġ tal-*visa* jew xi nuqqas min-naħa tal-Visa Unit. Qalet li għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord safejn din tolqot l-operat tal-Visa Unit, hija irritwali.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

13. L-appellat ma daħħal l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellanta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. Il-Qorti kkonsidrat il-fatti li wasslu għal dawn il-proċeduri. Jirriżulta li l-appellat, ċittadin minn pajjiż terz, għamel applikazzjoni sabiex jingħata Permess Uniku fir-Rigward ta' Residenza u Xogħol, u l-Aġenzija appellanta kienet ħarġet l-ittra bl-approvazzjoni *in principle* fis-7 ta' Jannar, 2020. Permezz ta' din l-ittra, l-applikant ingħata terminu ta' sitt xhur sabiex jirregolarizza l-affarijiet tiegħu qabel jasal Malta, iżda sadanittant faqqgħet il-pandemija tal-Covid 19, bir-riżultat li daħlu fis-seħħ restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar internazzjonali u xi ħaddiema prospettivi sabu ruħhom fl-impossibilità li jivvjaġġaw lejn Malta u jibdew l-impjieg tagħhom. Kien għalhekk li l-appellanta introduċiet *policy* fejn ikkonċediet terminu ta' sitt xhur oltre s-sitt xhur mogħtija fl-ittra tal-approvazzjoni *in principle* sabiex impjegati prospettivi jaslu f'Malta u jibdew l-impjieg tagħhom. Fil-każ odjern jirriżulta li kien il-prinċipal prospettiv li ġie nfurmat b'din il-*policy,* u għalkemm dan kellu jinforma lill-appellanta dwar jekk kienx ser iżomm fis-seħħ l-applikazzjoni tal-appellat jew jekk kienx ser jagħmel użu ieħor minn din il-konċessjoni, dan baqa' ma infurmax lill-appellanta bid-deċiżjoni tiegħu, u għalhekk fid-19 ta' Mejju, 2021, l-appellanta rrevokat l-approvazzjoni *in principle* li kienet ħarġet. Fl-20 ta' Ottubru, 2021, il-prinċipal prospettiv tal-appellat appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord, jiġifieri ħames xhur wara li l-appellanta tat id-deċiżjoni tagħha.

*L-ewwel aggravju: in-nullità tal-appell quddiem il-Bord*

15. L-appellanta ssostni li l-appell li ġie ippreżentat mill-prinċipal prospettiv quddiem il-Bord huwa null, u dan għaliex tali appelli jistgħu jsiru biss mill-

applikant. Qalet ukoll li fil-każ odjern ma jirriżulta l-ebda kunsens tal-applikant sabiex il-prinċipal prospettiv iressaq dan l-appell f'ismu, u għalhekk il-Bord ma kellux jieħu konjizzjoni tal-appell imressaq f'isem l-appellat.

16. Il-Qorti tqis li d-disposizzjonijiet tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 li jirregolaw Permessi Uniċi fir-Rigward ta' Residenza u Xogħol, senjatament l-artikolu 20(2) tal-istess regolamenti, jgħid hekk:

> "Fejn id-Direttur ikun ċaħad applikazzjoni għall-ħruġ, l-emendar jew it-tiġdid ta' permess uniku jew li rtira dan il-permess, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkollu dritt ta' appell quddiem il-Bord."

17. Huwa minnu li din id-disposizzjoni tal-liġi tagħti l-fakoltà lill-applikant ċittadin ta' pajjiż terz li jappella mid-deċiżjoni tad-Direttur ta' Identity Malta Agency, ad esklużjoni ta' persuni oħrajn. Fil-każ odjern jirriżulta li l-appellat għadu jgħix f'pajjiż terz, l-Indja, u fl-applikazzjoni għal Permess ta' Residenza u Xogħol ippreżentata minnu, l-uniku indirizz ipprovdut lil Identity Malta kien dak tal-prinċipal prospettiv, jiġifieri dak ta' Adrian Vella għan-nom ta' Veladrians Limited. Aktarx li kien għalhekk li Identity Malta bagħtet il-korrispondenza tagħha fl-indirizz tal-prinċipal prospettiv, għaliex ma ġie pprovdut l-ebda mezz ieħor li bih seta' jsir kuntatt mal-applikant. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li fil-każ odjern, l-applikant innifsu jidher li ma ħa l-ebda interess fl-applikazzjoni tiegħu u f'dawn il-proċeduri, tant hu hekk li l-appell quddiem il-Bord sar mill-prinċipal prospettiv mingħajr ebda indikazzjoni dwar jekk l-applikant tax il-kunsens tiegħu biex jiġi ppreżentat dak l-appell. Il-Qorti tosserva wkoll li fil-proċeduri tal-appell li nstemgħu quddiemha, l-appellat ma kienx rappreżentat bl-ebda mod, u la daħħal risposta għar-rikors tal-appell, u lanqas ma kien

assistit legalment waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti. Għalhekk din il-Qorti għandha d-dubji tagħha dwar kemm l-appellat għadu interessat fl-applikazzjoni li kien ressaq sabiex jingħata Permess ta' Residenza u Xogħol biex ikun jista' jgħix u jaħdem f'Malta. Huwa minnu li r-Regolament 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 jipprovdi li l-applikant għandu jiġi nnotifikat bid-deċiżjoni personalment, iżda f'każ li l-prinċipal prospettiv ser jitqies li qiegħed jaġixxi f'isem jew għan-nom tal-applikant, l-applikant għandu tal-anqas jindika dan, jew jirreġistra l-interess tiegħu fi kwalsiasi att li jitressaq għan-nom tiegħu. Il-Qorti tgħid dan stante li dan l-aggravju jorbot bis-sħiħ mal-kumplament tal-aggravji mqajma mill-appellanta. Hekk per eżempju, l-appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata bil-fatt li l-Bord ikkonsidra r-rikors tal-appell minkejja li dan tressaq *fuori termine,* għaliex filwaqt li d-deċiżjoni ta' Identity Malta ngħatat f'Mejju tal-2021, l-appell mill-prinċipal prospettiv sar f'Ottubru tal-istess sena, aktar minn ħames xhur wara.

18. Fil-każ odjern il-Bord iddeċieda li ladarba l-applikant ma ġiex innotifikat bid-deċiżjoni personalment, l-ebda terminu ma beda jiddekorra kontra tiegħu, u għalhekk ma setax jiġi deċiż li l-appell huwa *fuori termine.* Iżda din il-Qorti jkollha taqbel mas-sottomissjoni tal-appellanta, li ladarba l-appell intavolat mill-prinċipal prospettiv ġie aċċettat u milqugħ mill-Bord, minkejja li l-appell kellu jsir mill-applikant u minkejja li l-applikant innifsu bl-ebda mod ma rreġistra interess li jipproċedi b'appell mid-deċiżjoni tal-appellanta, il-prinċipal prospettiv kellu jkun marbut bit-terminu li tagħti l-liġi biex seta' jintavola appell bħal dak. Ma setax jiġi konċess li l-prinċipal prospettiv iressaq appell hu minflok l-applikant, u fl-istess waqt il-prinċipal prospettiv ma josservax it-terminu statutorju għall-preżentazzjoni ta' appell bħal dak.

19. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, senjatament in-nuqqas ta' interess muri mill-applikant fl-applikazzjoni tiegħu, u in vista tal-fatt li l-proċeduri quddiem il-Bord għandhom jitqiesu li huma nulli stante li l-appell ma setax isir mill-prinċipal prospettiv, u dan apparti l-konsiderazzjoni l-oħra li ladarba l-Bord laqa' l-appell, dan kellu jassigura li t-terminu statutorju jiġi osservat, il-Qorti mhijiex sejra tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kumplament tal-aggravji mressqa mill-appellanta. Fi kwalunkwe każ il-Qorti tqis illi jekk jirriżulta li l-appellat għadu interessat li jikseb Permess Uniku ta' Residenza u Xogħol sabiex ikun jista' jaħdem hawn Malta, dan għandu jibda l-proċess tal-applikazzjoni tiegħu mill-ġdid, anki sabiex tkun tista' ssir dikjarazzjoni dwar il-ħtieġa tas-servizzi tiegħu, li tkun tirrifletti t-tibdil soċjali u fil-qasam tax-xogħol li seħħew f'Malta f'dawn l-aħħar xhur. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern il-proċess biex l-appellat jingħata Permess Uniku ta' Residenza u Xogħol inbeda madwar tliet snin ilu, u f'dan iż-żmien l-unika ħaġa li għamel l-applikant kienet li ssottometta l-applikazzjoni tiegħu bid-dokumentazzjoni mitluba għall-konsiderazzjoni tal-appellanta, mingħajr ebda reazzjoni min-naħa tiegħu meta l-applikazzjoni tiegħu ħadet tul ta' żmien biex ġiet ipproċessata, u meta eventwalment ġiet rifjutata.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellanta, u għaldaqstant tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord.**

**In vista tan-natura ta' din id-deċiżjoni, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**